Minuti tat-73 (tlieta u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Anthony Borg u s-Sur Victor Cefai talbu jkun skużati minħabba raġunijiet personali relatati ma mard.

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 71 li saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti. Il-Minuti tal-laqgħa ta' Settembru ma setgħux jiġu preżentati peress li kienu għadhom mhux lesti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 37/2012: Mistoqsija Parlamentari Numru 36814 fejn il-Kunsill qed jiġi mistoqsi jekk kienx applika biex jipparteċipa fil-programm *Intact Summer School in Strasbourg* li sar f'Lulju tas-sena l-oħra, kif ukoll din s-sena. Il-Kunsill wieġeb li ma applikax.

3.1.2 Memo 38/2012: Għall-ħames sena konsekuttiva ġiet imnedija l-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2012-2013. Meħmuża hemm ukoll l-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu. Ser ikun hemm tlett perjodi, l-ewwel perjodu bejn l-1 ta' Diċembru 2012 u t-28 ta' Frar 2013, t-tieni perjodu bejn 1 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' Ġunju 2013, u t-tielet perjodu bejn l-1 ta' Settembru


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2013 u l-31 ta' Diċembru 2013. Dawn iridu jintbagħtu lil Kumitati Reġjonali sa mhux aktar tard mis-16 ta' Novembru 2012 għal dik l-applikazzjoni li tkopri l-ewwel perjodu u sa mhux aktar tard mis-26 ta' Novembru 2012 għal dik l-applikazzjoni li tkopri t-tieni u t-tielet perjodu.

Is-Sindku qal biex il-Kunsill japplika ħalli għat-tieni sena konsekuttiva iniedi l-Festival tan-Nar li jsir f'lejliet il-festa tal-Qalb ta' Ġesu. Il-Kunsill qabel.

3.2.3 Memo 39/2012: Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed jiġbor informazzjoni dwar is-servizzi ta' *Contracts Manager* u Perit tal-Kunsilli Lokali. Qed jiġi mistoqsi jekk is-servizzi tal-Perit u tal-*Contracts Manager* humiex meqjusa l-istess jew le. Fil-każ tal-Kunsill Lokali tal-Fontana dan jiddependi mill-proġett. Eżempju, fil-każ tal-*patching* tat-tarmac il-perit u l-*contracts manager* huma l-istess.

3.2.4 Memo 40/2012: Id-Dipartiment ser jagħti għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli li jieħdu ħsieb xi librerija. Ser jiġi kreat fond fl-2013 bħala għajnuna biex jixtru l-kotba min djar tal-pubblikazzjoni li laħqu ftehim mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Id-Dipartiment ser iħallas ħamsin fil-mija ta' l-ispiża sa massimu ta' €500 f'każ li l-Kunsill huwa magħmul min 5 Kunsilliera, sa massimu ta' €700 f'każ li l-Kunsill huwa magħmul min 7 sa 9 Kunsilliera u sa massimu ta' €900 f'każ li l-Kunsill huwa magħmul minn 11-il Kunsillier.

## 3.2 <u>Korrispondenza</u>

3.2.1 Ċemplet is-Segretarja ta' Fr Cini biex tgħidilna li r-repliki tal-Għajn il-Kbira li kellhom isiru huma lesti u staqsiet jekk il-Kunsill huwa interessat ikun interessat jixtri xi waħda, l-prezz huwa ta' €100. Il-qies huwa ta' 35 b'50 ċentimetru il-replika. Il-Kunsill ma aċċettax.

Is-Sindku qal li s-Salezjani kienu talbu biex jagħmlu ir-replika` tal-Għajn il-Kbira. Peress li sa mill-ewwel Kunsill, il-Kunsill kien għamel replika biex jingħataw bħala tifkira f'okkażżjonijiet speċjali lil persuni distinti li jżuru l-lokalita`, il-Kunsill ma qabilx li issir replika` min ħaddieħor. Barra minhekk Fr Cini kien talab li jagħmel l-arma tal-Kunsill fuqhom iżda ma ingħatax permess.

3.2.2 Saret laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mill-MEUSAC nhar il-Ħamis 18 ta' Ottubru 2012 dwar il-pjan ta' azzjoni nazzjonali fuq l-użu tal-pestiċidi.

3.2.3 E-mail mir-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropeja f'Malta rigward dibattitu pubbliku fuq is-suq komuni Ewropew li saret nhar is-Sibt 20 ta' Ottubru 2012.

3.2.4 Saret talba mill-GreenMT biex il-Kunsill jibagħtilhom l-*invoice* tal-*administration fees* tal-ġbir tal-iskart riċiklat għall-perjodu min April


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

sa Ġunju 2012. Sa issa sar il-ħlas sax-xahar ta’ Marzu 2012 u ta’ żewġ attivitajiet kulturali.

3.2.5 E-mail mingħand l-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) li ser issir laqgħa għall-Kunsilliera ta’ Malta u Għawdex nhar is-Sibt 10 ta’ Novembru 2012, id-Dolmen il-Qawra. Ir-reġistrazzjoni għal laqgħa tibda fid-8.45 a.m. Din hija waħda mill-laqgħat statutorji imsemmija fir-regolamenti tal-AKL. Intbagħat l-programm tal-laqgħa kif ukoll l-minuti ta’ l-aħħar laqgħa li kienet saret. Min hu interessat li jattendi irid jagħti d-dettalji sal-llum peress li l-aħħar żmien biex tintbagħat l-lista bl-ammont dovut hu sa nhar il-Ġimgħa 2 ta’ Novembru. Il-ħlas hu ta’ 50 ewro għal kull persuna.

3.2.6 E-mail mingħand Transport Malta rigward ir-rotot għat-tfal tal-iskola kif ser joperaw, partikularment min fejn ser jagħaddu.

3.2.7 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar informazzjoni fuq l-*Commission Work Programme for 2013 – Europe for Citizens programme*.

3.2.8 E-mail mingħand Water Services Corporation rigward il-Freephone number il-ġdid.

3.2.9 E-mail mill-Uffiċju tal-Kultura ta’ Għawdex dwar il-Programm ta’ attivitajiet għal-żmien il-Karnival tas-sena li ġejja.

3.2.10 E-mail mill-Klabb Ħilti fi ħdan il-Fondazzjoni għal-Servizzi Edukattivi. Ser issir attivita’ ta’ jumejn nhar l-1 u 2 ta’ Novembru 2012 bit-tema’ Jumejn fir-razzett taz-zija Ċett.

3.2.11 E-mail mill-Kunsill Lokali ta’ Bormla fuq attivita` li ġiet imtella fis-6 ta’ Ottubru 2012 bit-tema *Bormla Dockfest 2012*.

3.2.12 E-mail mill-Kunsill Lokali ta’ Ħal Balzan fuq attivita` li ġiet imtella nhar il-5 ta’ Ottubru 2012 bit-tema *Lejla Interkulturali Balzanija*.

3.2.13 Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun t’Għawdex talabna l-Bandiera tal-Kunsill biex din tittella fi Triq ir-Repubblika nhar Jum Għawdex. Din itbagħtet iżda l-Kunsill ġie infurmat li l-qies kien żgħir wisq u talbu biex l-Kunsill jagħmel waħda ikbar. Is-Sindku waqt l-laqgħa tar-Reġjun informahom jekk din jistax jagħmilha r-Reġjun stess peress li din minnu biss ser tintuża. Ir-risposta tar-Reġjun kienet li dan ma kienx possibli. F’dan r-rigward, biex il-Kunsill Lokali tal-Fontana seta` jordnata l-bandiera, l-ispiża tagħha riedet tiġi approvata fil-laqgħa iżda dan ma kienx possibli peress li l-laqgħa kienet ser issir wara d-data ta’ meta r-Reġjun iridha.

3.2.14 E-mail mir-Reġjun Għawdex li tikkonċerna tibdil fir-rati tal-Wardens ta’ meta jiġu ingaġġati. L-Kunsill ġie infurmat li għalmenu f’Għawdex dawn ser jibqgħu l-istess.

3.2.15 E-mail mir-Reġjun Għawdex fuq il-programm tal-Laqgħa Ġenerali Annwali kif ukoll dwar l-attivitajiet li ser jittellgħu biex jikkommemoraw Jum Għawdex.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta’ Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.16 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward proġett li qed tniedi il-Malta Communications Authority bl-isem ta' *'Proġett Epitome'* li hu *co-financed* mill-Unjoni Ewropeja. Dan ser jiprovdi taħriġ fl-użu tal-computer għal-negozzji żgħar u medji. Il-Kors ser ikun offrut ukoll f'Għawdex u ser jitratta numru ta' suġġetti fi tliet *modules* li huma *Customer Relationship Management, Finance* u *Technology Management*. L-applikazzjonijiet għalqu fid-19 ta' Ottubru 2012 u jibda fil-bidu ta' Novembru 2012. Trid tagħmel deposit ta' 100 euros bħala garanzija biex ikun żgurat li wieħed jattendi mill-anqas 75% tal-lezzjonijiet. Fl-aħħar tingħata ċertifikat mill-Malta Qualifications Council. Il-Kunsill ma jistax japplika għax mhux entita` kummerċjali.

3.2.17 E-mail mingħand l-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* fejn ġew mitluba dettalji tal-*playingfield* minħabba spezzjonijiet li suppost isiru min din l-Awtorita. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil-Awtorita li bħalissa parti mill-*playingfield* huwa magħluq minħabba xogħol ta' kostruzzjoni. L-Awtorita talbet biex tiġi notifikata dan jerġa jkun miftuħ għall-pubbliku. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li skond rapport li kien sar lill-Kunsill iż-żurżieqa li tinsab maqlugħa minħabba l-kostruzzjoni tal-garaxxijiet għandha bżonn xi modifikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jsiru. Ippropona ukoll biex jekk il-Kunsill jaqbel tinxtara xi bandla oħra biex it-tfal ikollhom aktar fejn jilgħabu. Il-Kunill qabel.

3.2.18 Mistoqsija Parlamentari Numru 36439 mil-Onor. Justyne Caruana li tirrigwarda Triq San Martin u trejqet il-Ħarrub. Qed jiġi mitlub biex trejqet il-Ħarrub tingħata wiċċ permanenti peress li kull meta qegħda tagħmel ix-xita l-ilmijiet qed ikaxkru żrar lejn triq San Martin bir-riżultat li dan qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill irrisponda li peress din it-triq għada bla wiċċ, ma taqgħax taħt ir-responsabilta`tiegħu iżda taħt il-Gvern Ċentrali. Barra minhekk, ma jistax jitkaxkar minn trejqet il-Ħarrub għal-triq San Martin peress li triq San Martin tiġi fuq ir-riħ ta' trejqet il-Ħarrub. Min naħa tiegħu l-Ministeru għall-Għawdex irrisponda li din ma taqgħax taħt r-responsabilta` tiegħu anqas.

3.2.19 E-mail mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent fuq jum l-Ħolqien u fuq l-kwalita` ta' l-arja li wieħed jieħu.

3.2.20 E-mail mingħand Alpha Briggs Mediterranean Ltd fuq kors tal-First Aid li ser jagħmlu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa fejn ser isir. Jidher li dan ser isir Malta iżda jekk il-Kunsill ikun interessat, dan jista jsir Għawdex ukoll basta tiġi provduta kamra bl-*overhead projecter* u *screen*, kif ukoll minimu ta' 12 il-persuna. Il-prezz huwa ta' €100 għal kull persuna.

3.2.21 Korrispondenza ta' e-mails bejn il-Perit Ivana Farrugia għan-nom tal-Kunsill u l-Perit Lucien Mario Stafrace għan-nom ta' Transport Malta rigward il-ftuħ tal-bokka tax-xelter fejn il-Perit Stafrace talab lil l-Perit


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Farrugia tirrevedi l-proposti. Dan sar kif ġie mitlub iżda sa issa l-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta jekk dan t-tibdil kienx approvat jew le. Is-Sindku qal li t-tibdil propost ġie approvat mill-MEPA.

3.2.22 Mistoqsija Parlamentari Numru 36748 mill-Onor Justyne Caruana fejn staqsiet meta ser tiġi asfaltata Trejqet Wara l-Idjar. Il-Kunsill wieġeb li din it-trejqa ma taqgħax taħtu peress li għada qatt ma saret u biex jintwera dan intbagħtu tlett ritratti lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.2.23 Ittra mingħand Alberta Fire Safety & Security fejn qeda tgħid li s-Sur Christian Gauci li kien jaħdem mal-Kumpanija m'għadtx fadallu x'jaqsam ma' l-operat tagħha.

3.2.24 E-mail mingħand il-Kunsill Malta għall-Kultura u l-Arti fejn ġiet mitluba lista ta' Attivitatiet kulturali li jsiru f'Jannar, Frar u Marzu dejjem jekk ikun hawn fil-Fontana.

3.2.25 E-mail mingħand il-Konsulent għal-Ospitalita` u Turiżmu, is-Sur Tony Coleiro f'isem il-Lukanda Calypso. Dan qed jgħid li l-lukanda konċernata ser timbarka fuq strateġija ta' informazzjoni biex tgħolli l-bejgħ matul is-sena kollha b'sostenn mill-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu. L-għan hu li jinvolvu lill-Kunsilli Lokali f'din l-istrateġija l-ġdida. Dawn ser jippromowtjaw l-attrazzjonijiet fil-Lokalitajiet flimkien mal-kultura u l-artiġġjanat li wieħed isib fihom.

3.2.26 E-mail mingħand Puttinu Cares fejn staqsew jekk hawnx NGO's fil-Fontana. Wara li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iċċekja mall-Kappillan, irriżulta li fil-Lokalita` tal-Fontana ma hawnx NGO's reġistrati.

3.2.27 Saret stedina mill- Kamra tan-Negozju għal-Għawdex għal *Business Breakfast* organizzat mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta flimkien mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex li sar fil-Lukanda Kempinski San Lawrenz fis-17 ta' Ottubru 2012.

3.2.28 E-mail mill-Fondazzjoni *Inspire* li nediet l-programm għal-ġbir ta' fondi peress li ser tkun l-organizzazzjoni benefiċarja uffiċjali tal-*Land Rover Malta Marathon* li ser issir fl-24 ta' Frar 2013.

3.2.29 E-mail mill-Kunsill Lokali tan-Nadur li tikkonċerna ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Kunsill.

3.2.30 Mistoqsija Parlamentari Numru 36855 fejn ġie mistoqsi kemm kien hemm sejħiet biex jiġu igaġġati nies mal-Kunsilli li iżda ma jinkludux dawk ta' Segretarji Eżekuttivi. Fil-każ ta' dan l-Kunsill ma kien hemm l-ebda sejħa.

3.2.31 E-mail mill-WasteServ Malta. Ser jiġi organizzat l-*European Week for Waste Reduction (EWWR)* fejn qed jinvitaw awtoritajiet, NGO's u stabilimenti Edukattivi biex jirreklamaw l-azzjonijiet li ħadu biex inaqsu l-ammont ta' żibel jew inkella jiġu b'ideat kif dan jista jonqos. Dan ser isir bejn is-17 u l-25 ta' Novembru 2012 Malta. Ir-reġistrazzjonijiet jagħlqu fil-31 ta' Ottubru 2012.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.32 E-mail mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi peress li ser tkun qegħda torganizza l-*Young Writers Club*. Dan ser ikun imtella bejn it-23 t'Ottubru u l-11 ta' Diċembru 2012.

3.2.33 E-mail mill-Kunsill tal-Floriana li organizza l-attivita Ġenna ta' Ġonna. Din saret fil-21 ta' Ottubru 2012.

3.2.34 Il-laqgħa Annwali Plenarja tal-Kumitat Reġjonali għal-Għawdex saret nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru 2012 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn. Ġew mistiedna is-Sur Michael Grech (Chairman tal-Gozo Business Chamber), is-Sur Joe Muscat (CEO tal-Gozo Tourism Association) u l-ekonomista Dr Gordon Cordina. Attendew is-Sindku u l-kunsillier is-Sur Horace Micallef.

3.2.35 E-mail min *Puttinu Cares Cancer Foundation (GOZO)* fejn qed jitolbu biex l-Kunsilli t'Għawdex jgħinu fil-kawża tagħhom permezz ta' attivita' li fl-istess ħin tkun qed tkabbar l-għarfien dwar din il-fondazzjoni. Minn naħa tagħhom huma lesti li jgħatu l-assistenza meħtieġa.

3.2.36 Ittra mill-*Maltese Olympic Committee* li ser jorganizza l-*MOC Sports Awards* f'Diċembru li ġej fejn ser jingħata premju lil dak l-Kunsill li jkun ta l-aktar kontribut lill-isport Malti. L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-lum l-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2012. Dan il-kontribut jiġi rikonoxxut meta:

- Jiġu organizzati attivitatijiet sportivi anke bejn l-iskejjel tal-lokal;
- Isiru seminars dwar l-isport u s-saħħa fiżika;
- Jgħinu ill-għaqdiet sportivi tal-lokal;
- Jiġu kostruwiti faċilitajiet sportivi ġodda jew jiġu rranġati dawk qodma;
- Jiġu kostruwiti monumenti ġodda b'tema sportiva.

3.2.37 Intbagħat leaflet min *The Mdina Experience* b'informazzjoni fuq l-attrazzjonijiet li joffru kif ukoll il-prezzijiet ta' dawn l-attrazzjonijiet.

3.2.38 Stedina mill-*Gozo Tourism Association* għat-tnedija ta' l-*online booking portal* li saret il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2012 fil-Kappella ta' Santa Ċeċilja ħdejn l-*Heliport*.

3.2.39 Il-Green MT bagħtu ċ-ċekkijiet imwiegħda ta' Jum il-Fontana għas-snin 2010 u 2011, kif ukoll l-ammonti dovuti ta' kull ġimgħa min Settembru ta' l-2011 sa nofs Marzu ta' l-2012 għal-ammont totali ta' €1,840. Il-Green MT jixtiequ ukoll jiltaqgħu mall-Kunsill biex jiġi diskuss il-ftehim għas-snin 2013 u 2014. Is-Sindku qal li talabhom jagħtu lill-Kunsill żewġ bins tal-iskart separat.

Rigward il-ftehim għas-snin 2013 u 2014, is-Sindku qal li biex dan jiġi diskuss, l-kumpanija konċernata għandha tagħmel il-pagamenti kollha


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

dovuti lill-Kunsill, jiġifieri dawk li fadal min nofs Marzu sa l-aħħar ta' Ottubru 2012.

3.2.40 Ittra mibgħuta mill-*Gozo Horse Racing Association* fejn jidher li ser jorganizzaw *Gozo Local Council Heats* fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Diċembru. Il-ħsieb hu li kull Sindku jew rappreżentant jirkeb ma ġerrej preferibilment mill-Lokalita` tiegħu u ssir sfilata fil-bidu, u wara titqassam tifkira lil kull parteċipant u l-premijiet lir-rebbieħa bis-sehem tas-Sindki. Ix-xewqa hi li kull Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex din l-attivita` tirnexxi. Ser jitwaħlu arbli għal kull Kunsill u jittelgħu l-bnadar tal-Kunsilli li jipparteċipaw. Il-kontribut li Kunsill irid jagħmel huwa ta' €200.

3.2.41 Ittra mill-ETC li tikkonċerna l-iskema 'Xogħol fil-Komunita'. Intbagħtet ukoll *template* ta' l-attendenza biex l-ħaddiema li jaqgħu taħt din l-iskema iridu jimlew u trid tintbagħat kull xahar. Barra min hekk jista min żmien għal żmien ikun hemm spezzjonijiet mill-Uffiċċjali ta' l-ETC.

3.2.42 Ittra mingħand is-Sur Joseph Tabone ta' Triq il-Għajn, Fontana. Huwa qed jitlob biex quddiem il-ħanut tiegħu issir kaxxa biex ma jipparkjawx peress li qeda tkun ta' kuljum problema xħin jiġi biex isir il-ħatt u t-togħbija tax-xogħol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkuntatja lis-Sur Tabone li peress ser tinqala t-triq, t-talba għandha terġa titressaq meta x-xogħol jitlesta għax-xorta jkun sar għalxejn, u dan dejjem sakemm ma jkunx hemm żviluppi oħra qabel. Is-Sur Tabone qabel.

3.2.43 Ittra mibgħuta mid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fejn sa l-aħħar tax-xahar ta' Novembru qed jintalab li jintbagħatilhom kemm sar bexx ta' Siġar tal-Palm minħabba l-bumunqar l-aħmar. Is-Sindku staqsa x'tip ta' bexx jintuża biex il-Kunsill ikun jista jixtri minħabba ż-żewġ palmiet tal-belveder ta' Mulejja. Qal ukoll li dawn il-palmiet għandhom il-fuq min 30 sena u ħasra jekk dawn imutu.

3.2.44 L-Assoċċazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi bagħtet ċirkulari lill-Kunsilli għal min hu interessat li jattendi għall-Kungress tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli mill-pajjiżi Ewropej li ser isir fi Spanja bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2012.

3.2.45 E-mail mingħand is-Sur Victor Ellul li jaħdem il-Ministeru tal-Finanzi. Huwa għadu kif lesta ktieb fuq l-isorja tal-Football Femminili f'Malta. Il-qliegħ ser ikun b'risq Puttinu Cares. Kull ma talab jekk il-Kunsill, k'irid jagħti donazzjoni lill-istess Puttinu Cares. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sur Ellul li dan mhux possibli peress li l-Kunsill ma jistax jagħmel donazzjonijiet. Iżda hu xorta waħda ser jibgħat ktieb.

3.2.46 Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bagħat e-mail biex ifakkar li kull devoluzzjoni trid issir skond Memo 25/1999 – Devoluzzjoni Lokali, billi tintbagħat l-applikazzjoni li hija standard lid-Dipartiment stess u mhux lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Ilment imressaq mis-Sur Peter Ray li joqgħod fil-fond 137, St Joseph, Triq il-Għajn, fejn qed jitlob biex il-Kunsill jagħmel xi ħaġa peress li hemm min qed jixħet l-ikel lill-qtates f'nofs tat-triq u qiegħed iħammeġ kullimkien. Ġie deċis li issir tabella biex ma jibqax jintrema ikel iżjed fl-art.

## 4. Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Beda l-proċess għal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill billi ġiet ippubblikata s-sejħa għal dawk eliġibli. Din ser tagħlaq fit-2 ta' Novembru 2012. Issa, dejjem jekk ikun hemm applikanti eliġibli li jkun imiss hu li jinħatar l-bord ta' l-għażla.
Il-Membri tal-Kunsill preżenti qed jitolbu biex la darba jiġi biex jinħatar il-Bord tal-għażla huma ma jixtiequx ikunu membri kif ukoll li sakemm ma tkun qegħda tinkiser l-ebda liġi, dan il-Bord għandu jinħatar mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Offerta FONQ04/2012: *To clear watercourse from accumulated debris and reinstatement of dry stone walls* (Proġett ko-finanzjat mill-Ministeru għal Għawdex taħt it-tieni skema tal-Eko-Għawdex). L-Aġent Segretarju nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-kuntrattur *J Portelli Projects Property Developers* li rebaħ din l-offerta, informa l-Kunsill b'ittra li qed jirtira l-offerta tiegħu.

5.2 Offerta FONQ 07/2012: *Patching works using Hot Asphalt in various streets of Fontana*. Min spezzjoni li għamel is-Sindku waqt ix-xogħol li kien qed isir fi Triq is-Sajjieda deher li dan ma kienx qed isir kif suppost peress li l-ħxuna kienet madwar żewġ pulzieri u għalhekk il-kuntrattur twaqqaf wara konsultazzjoni mall-Perit Saliba sakemm issir laqgħa mall-kuntrattur. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntrattur beda x-xogħol minhajr ma informa` la lill-Kunsill u lanqas lill-Perit. Kien diġa twettaq ukoll ix-xogħol ta' *Patching* fi Triq Għajn Tuta.

5.3 Offerta FONQ 08/2012: *Resurfacing of Triq Wied Siekel with tal-Qawwi paving stone* (Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm *European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013).*
Ġie iffirmat il-kuntratt mall-*Gozo Action Group* biex il-Kunsill ikun jista jiffirma l-kuntratt ma' *Gatt Tarmac Ltd* ħalli jibda x-xogħol fuq it-tieni fażi ta' Wied Siekel. Il-Kunsill bagħat ukoll kopja tad-dokument


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tal-offerta lill-istess *Gozo Action Group* biex jikkonferma li kollox kien konformi mar-regolamenti stabiliti iżda sa issa l-Kunsill għadu ma irċeviex risposta.

Is-Sindku qal li informa lill-kuntrattur konċernat biex ix-xogħol isir kemm jista jkun malajr la t-temp għadu jippermetti peress li l-post tal-proġett huwa vulnerabli għal-ilmijiet tax-xita.

5.4 Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet ta' tlett fanali biex jitwaħħlu fit-tarf ta' Triq ta' Mulejja. Dawn huma mingħand:

1. Is-Sur Richard Cauchi għall-prezz ta' €195; u
2. Is-Sur Chris Gauci għall-prezz ta' €162 u li qed jgħid li €33 minnhom huma tal-bozoz.

Il-Kunsill qabel fuq li għandhom jinxtraw dawk ta' l-irħas offerent jiġifieri dawk tas-Sur Chris Gauci għall-prezz ta' €162.

5.5 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għas-suffet tat-toilets tas-Sala tal-Komunita`, li jiffurmaw parti mill-bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Din inxteħtet mis-Sur Raymond Saliba għall-prezz ta' €560. Wara li ġew murija l-madum ippreżentati mis-Sur Raymond Saliba, il-Kunsill qabel fuq il-maduma tal-Gyps u qabel li tingħata din l-offerta.

5.6 Ġie maqbul li l-art bil-konkos tal-garaxxijiet tingħata lill-istess kuntrattur li għaddej bix-xogħol tal-bini tagħhom, jiġifieri lis-Sur Carmel Grima.

5.7 Ġie maqbul ukoll li t-tiżjin tal-Milied jagħmluh is-Sur Michael Bugeja b'żieda fit-tiżjin fit-toroq Kardinal Alessandru Franchi u John Gaspard Le Merchant, u s-Sur George Schembri f'isem il-parroċċa f'parti min Triq il-Għajn bejn il-knisja u Triq il-Kappillan Gużepp Hili.

5.7 Wara li ġew evalwati l-kampjuni tal-madum li s-Sindku ġabar min varji ħwienet, ġie maqbul mill-Kunsill li jinxtara dak ta' Vella Falzon peress huma kienu l-unika kampjuni li joqorbu lejn dak li xtaq il-Kunsill.

5.8 Wara osservazzjoni mis-Sindku tal-madum taz-zuntier meta twaħħal, ġie innutat li l-wiċċ tiegħu kien qed jitqaxxar u għalhekk il-Kunsill permezz ta' e-mail informa lid-ditta` A.F. Ellis mingħand min inxtrata biex qabel ma jsir xi forma ta' pagament tiġi risolta` din il-problema. Il-Kunsill qabel.

5.9 L-aċċessorji tat-toilets tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku ġie maqbul li jinxtraw mingħand Newline Living Concept.

## 6. <u>Mistoqsijiet</u>

6.1 Ma kienx hemm mistopsijiet.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Is-Sinjorina Monica Farrugia qed titlob li titressaq mozzjoni ħalli tiġi imsemmija triq għal mibki l-ex-Kappillan Mons Ġorġ Bezzina. Jidher illi bħalissa ma hemm l-ebda triq li tista tissemma għall-mibki kappillan peress li kollha fihom isem.

## 9. Materji Oħra

9.1 Paul Cassar min *Colomba Flag Makers* informa l-Kunsill li l-Bandiera tar-Reġjun ser tiswa €105.

9.2 Intbagħtet l-*claim* tal-pannelli fotovoltajiċi tat-tieni fażi li taqgħa taħt l-iskema 10/2010 – Skema dwar proġetti ta' Enerġija Alternattiva. Għal dan id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadda lil Kunsill €5,600.

9.3 Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali talab lill-Kunsill Lokali lista ta' attivitajiet li saru taħt l-iskema 'Inizjattivi Sportivi Kunsilli Lokali 2012. Il-Kunsill informa lid-Dipartiment li saru żewġ attivitajiet li huma 'Festa Tfal' u l-'Sports Fest'.

9.4 Ġiet mimlija u mibgħuta l-applikazzjoni lil ETC biex tiġi ingaġġata persuna taħt l-iskema '*Community Inclusive Employment Scheme*'. Il-Kunsill irċeiva lista ta' ħames persuni li jissodisfaw it-talbiet li għamel il-Kunsill. Dawn il-persuni għandhom jibgħatu s-CV tagħhom sad-9 ta' Novembru 2012. Imbagħad isir l-*interview* ta' min ikun bagħat s-CV u jiġi infurmat lis-Sur Thomas Sammut bir-riżultat.

9.5 Il-Kunsill irċieva il-pagament mid-Dipartiment li jkopri l-perjodu tar-raba' kwart tas-sena. Min dan l-ammont ġew imnaqsa €120 tas-servizz tal-*Wifi*.

9.6 Il-Kunsill irċieva l-kont biex titħallas l-*membership* li għandu mal-Gozo Action Group tas-snin 2011 u 2012.

9.7 Mario Mallia bagħat ħames stampi ta' *bins* differenti. Ġie mitlub ukoll biex meta jkun ġej Għawdex iġib xi wħud minnhom biex il-Kunsill jara jekk jaqbilx ma' l-ambjent ta' fejn huwa maħsub li jitpoġġa.

9.8 Żaru l-lokalita` żewġ għalliema mill-Kulleġġ Stella Maris tal-Gżira fejn ingħataw informazzjoni fuq l-Għajn tal-Ħasselin mis-Sindku u wara iltaqgħu ukoll mas-Sur Anton Cassar sid il-*Fontana Cottage* fejn iddiskutew x'jistgħu juru lill-istudenti li għandhom iżuru l-lokalita` fis-7 ta' Novembru 2012. Il-Kunsill irċieva wkoll il-programm għal


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

dakinhar taż-żjara. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-iskola għandha tiġi infurmata fid-dawl tal-fatt li minħabba raġunijiet mhux mistennija l-*Fontana Cottage* kellhu jgħalaq.

9.9 Saret laqgħa mal-*Foundation for Social Welfare Standards* fl-uffiċini l-ġodda ta' l-ETC r-Rabat li irrigwardad l-*ME2 Project* li jinvolvi l-ingaġġ ta' persuni b'diżabilita. Il-laqgħa ittrattat l-iskema li l-Kunsill applika għaliha biex jingaġġa persuna. Dan sar l-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 2012. Attendew is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżkuttiv.

9.10 Sar *information seminar* għas-Segretarji Eżekuttivi fl-24 ta' Ottubru 2012 ġewwa *Mediterranean Conference Centre* il-Belt Valletta.

9.11 Intbagħtet lid-Dipartiment tas-Saħħa l-lista tal-persuni li inkitbu biex jingħataw l-labra tal-influwenza. Il-Kunsill ġie mogħti l-labar biex din tkun tista tingħata liema labar iridu jinġabru mil-infermier li ser jagħmel l-injezzjoni. Is-Sindku qal biex il-Kunsill jara jekk is-Sur Alfred Xerri li s-soltu jagħmel din l-injezzjoni hux interessat din s-sena wkoll u biex tiġi iffissata ġurnata ħalli din issir kemm jista jkun malajr.

9.12 Saret laqgħa l-Ministeru għall-Għawdex fuq il-bini tat-Triq il-Għajn mill-Knisja l-isfel fejn l-Kunsill ressaq erba` punti li intbagħtu ukoll lil Transport Malta:

1. Li quddiem il-Knisja ikun aċċessibli fit-2 ta' Diċembru 2012 minħabba l-festa ta' Sant' Indrija;
2. Xħin ikun qed isir it-tħammil ħdejn il-Għajn, biex sa fejn hu possibli ma jitkissirx ix-xogħol tal-purfidu għax dan sewa` ħafna flus biex sar;
3. Biex il-bankini jerġgħu isiru tal-*bricks* bħalma huma bħalissa ħalli tkun ħaġa waħda tul it-triq kollha;
4. Ħalli l-ilma tax-xita jibqa nieżel għal fejn il-Għajn peress li bħalissa xħin jagħmel il-wied parti mill-ilma qed jaqleb ġo Triq Għajn Tuta. Għal laqgħa attendew is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsill waqt li għall-Ministeru għal-Għawdex attendew id-Direttur Ġenerali Ms Rita Cutajar, is-Segretarja Privata tal-Ministru Ms Claire Camilleri, u l-Perit Angelo Portelli.

9.13 Ġie iffirmat l-permess li Transport Malta ħarġet lill-*Road Construction* biex jibda x-xogħol fuq Triq il-Għajn. Fih inkluż l-kundizzjonijiet li l-Kunsill ressaq waqt il-laqgħa li kellu l-Ministeru.

9.14 Il-Ħaddiem tal-Kunsill is-Sur Joe Mercieca fix-xahar ta' Ottubru daħal tlett darbiet bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. u li jiġu 9 siegħat *time-off.*

9.15 Il-kumpanija Galea Curmi Engineering bagħtet l-applikazzjoni lill-Enemalta tal-*Floodlights* li ser jiġu installati fir-replika` tal-Għajn tal-Loġoġ maġenb l-Għajn il-Kbira kif ukoll dik għal tlett fanali fi Triq il-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Għajn u dan wara li r-residenti ma kellhomx oġġezzjoni li dawn it-tlett fanali jitwaħħlu mal-faċċata tagħhom.

9.16 Wara korrispondenza bit-telephone bejn id-Dipartiment ta' Eko Għawdex il-Kunsill fuq it-tiġdid tal-permess, ġie deċiż li tinbagħat ittra lill-istess Dipartiment ħalli l-Kunsill jagħmel il-fanali *energy saving* fit-toroq li għadt fadal isiru. Dan anke peress li kien it-tieni proġett magħżul mid-Dipartiment ta' Eko Għawdex wara dak tatt-tindif ta' Wied ix-Xlendi, peress li skond il-Perit jidher ċar li għadt fadal daqxejn biex dan il-permess joħroġ.

Is-Sindku qal li l-permess għadu fl-*screening stage* u jidher ċar li dan il-proġett mhux ser jilħaq isir f'din il-leġislatura. Qal ukoll biex f'każ li l-fondi ta' Eko Għawdex ma jkunux jistgħu jintużaw minħabbta dewmien żejjed fit-tiġdid tal-permess, il-Kunsill ser japplika taħt fond imniedi mill-bank HSBC flimkien mal-Kunsill tal-Munxar. Dan ser isir biex l-ispiża tkun aktar sostenibli għall-Kunsill minħabba l-limitazzjonijiet ta' fondi.

9.17 Il-Perit Ġanni Saliba bagħat kopja tal-*method statement* li bagħtu l-Ecoserv ta' kif ser isir it-tindif tal-wied. Bagħtu ukoll quotation ta' kemm ser jiswa x-xogħol tal-monitoraġġ. Għal 6 ijiem il-prezz hu ta' 2,320 ewro minhajr il-VAT u għal kull ġurnata extra hu ta 220 ewro minhajr il-VAT.

9.18 Sar depożitu ta' €5,600 fil-kont bankarju tall-Kunsill mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bħala l-ammont dovut li l-Kunsill kien eliġibli li jirċievi fuq it-twaħħil tal-pannelli fotovoltajiċi.

9.19 Is-Sur Joseph Mangion li ħa ħsieb l-organizzazzjoni tal-Festival tan-nar bagħat ittra biex jispjega ftit ir-raġuni għalfejn ma kienx qed jirrispondi l-mobile. Qal ukoll li ser jagħmel min kollox biex jgħaddi l-*invoices* tal-logħob tan-nar ħalli l-Kunsill ikun jista jagħmel it-talba għal-fondi eliġibli taħt skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

9.20 Is-Sur Freddie Schembri li joqgħod l-Awstralja ser ikun hawn għal żmien il-festa u jixtieq li jkun mistieden għas-serata lejla Maltiija li issir għal dik il-ħabta fl-okkażżjoni tal-festa tar-raħal. Il-Kunsill qal li min naħa tiegħu ma jorganizza l-ebda serata Maltija u għalhekk is-Sur Schembri għandu jiġi infurmat biex jekk huwa interessat l-aħjar jitkellem mall-Kappillan.

9.21 Is-Sur Guido Zammit mill-ETC informa l-Kunsill li l-kuntratt tas-Sur Joscar Camilleri ġie imġedded għas-sitt xhur li ġejjin b'seħħ mit-12 ta' Novembru 2012.

9.22 Il-Perit Gordon Vella bagħat il-pjanta ta' fejn ġej il-Monument tas-Sajjieda fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

9.23 Is-Sindku qal li d-DVD tal-Festival tan-Nar lest ukoll. Dan sar mis-Sur John Cordina


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.24 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx biex jekk ma tinstabx statwa tal-Qalb ta' Ġesu għan-niċċa li hemm fi Triq l-Isptar San Ġiljan, issir waħda ta' San Ġużepp. Il-Kunsill qabel.

9.25 Is-Sindku ippropona żewġ ħarġiet ħarġiet, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex. Il-Kunsill qabel.

9.26 Saret ħarga soċjo-kulturali f'Malta fl-okkażżjoni tan- *Notte Bianca* li saret fil-Belt Valletta. Attendew 32 persuna fosthom is-Sindku.

9.27 Is-Sindku attenda laqgħa oħra tal-Kumitat sezzjonali li saret fil-Banca Giuratale.

9.28 Beda x-xogħol tat-tħammil u l-bini tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq ta' Mulejja.

9.29 Sar *culvert* għall-ilma bejn iz-zuntier tal-knisja parrokjali u l-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll saret it-tiswija taz-zuntier b' madum ġdid fejn kienet saret il-ħsara waqt it-twaqqiegħ tal-fond 191 fi Triq il-Għajn.

9.30 Is-Sindku flimkien mal-Perit Ivana Farrugia attendew għall-Bord tal-MEPA f'*Hexagon House* il-Marsa, fejn ġie approvat li jinfetaħ bieb fi trejqet ix-Xagħri għax-xelter ta' Pjazza l-Għejun.

9.31 Is-Sindku u l-kunsillier is-Sur Horace Micallef attendew il-laqgħa annwali tar-Reġjun t'Għawdex li saret fil- Lukanda Calypso Marsalforn.

9.32 Is-Sindku attenda għall-attivitajiet li jfakkru Jum Għawdex fejn kien hemm korteo minn Pjazza Indipendenza sal-Katidral. Dan kien akkumpanjat mil-Banda Dants Margerita ta' Sannat. Wara kien hemm konċelebrazzjoni fil-Katidral. Wara il-quddies sar t-tqegħid ta' kuruna mal-mafkar tal-Arċipriet Saverio Cassar. Sar ukoll diskors mil-President Reġjonali Dr Samuel Azzopardi. Wara kien hemm riċeviment fil-Banka Guratale.

9.33 Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li beda x-xogħol fuq it-tieni fażi ta' Triq ix-Xlendi li min Pjazza l-Għejun sa twassal sa quddiem il-knisja parrokkjali. Din qegħda ssir mill-Ministeru għal-Għawdex b'fondi tal-Unjoni Ewropeja.

9.34 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv marru l-Bank of Valletta jiċċekjaw jekk iċ-ċekkijiet li kienu ingħataw lis-Sur Joseph Magion kienux issarfu peress li kien għadt hemm minnhom li għadhom ma ingħatawx. Irriżulta li parti minnhom kienu għadhom ma issarfux fosthom dak ta' St Leonard's Fireworks Factory ta' Ħal Kirkop. Għalhekk ġie deċiż li jiġi ibblukkat dak iċ-ċekk biss. Wara reġa` inħareġ mill-ġdid u intbagħat direttament lilhom.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 10. Jum il-Fontana 2012

10.1 Ġie maqbul li għal-Jum il-Fontana jsiru l-istess attivitajiet tas-soltu. Jiġifieri, il-wirja fis-Sala tal-Komunita`, il-quddiesa ta' radt il-ħajr li issir fis-6.00p.m., u wara l-programm flimkien mar-riċeviment li jiġu imtellgħin fl-istess sala u ħarġa f'Għawdex u oħra f'Malta.
Rigward l-għoti ta' Ġieħ il-Fontana s-Sindku innomina lil Fr Alex Refalo li kien l-amministratur Parrokjali għal-sena u nofs bejn Marzu tal-2008 u Settembru 2009, waqt li l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef innomina lis-Sur Frankie Camilleri li kien ħa il-ħaddiem tas-sena 2011 fil-qasam tat-turiżmu għal-Għawdex. Il-Kunsill għażel lis-Sur Frankie Camilleri biex din is-sena jiġi mogħti Ġieħ il-Fontana peress li s-Sur Camilleri ġie appoġjat ukoll mill-Kunsillier is-Sur Lorry Apap.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-30 ta' Novembru 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555